MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 881/2004

**Jamar Ltd**

**vs**

**Keneth Bugeja**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' April 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300.00) liema ammont jirraprezenta bilanc ta' prezz ta' mutur Honda CR bin-numru ta' registrazzjoni EBC 712 li gie mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut fuq ordni tiehu stess u li s'issa ma thallasx.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 832/04JS pprezentat kontestwalment ma l-avviz u bl-imghaxijiet mill-20 ta' Frar 2003 sad-data tal-pagament

effettiv, kollox kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatoru 834/04 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------